# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 249/2020**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Roderick Agius)**

**-Vs-**

**MICHAEL AZZOPARDI**
**(ID: 283882M)**

**Illum, 25 ta' Frar 2021**

**Il-Qorti,**

Rat illi **MICHAEL AZZOPARDI** detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 283882M tressaq quddiemha akkuzat talli nhar id-9 ta' Gunju 2020 ghall-habta tal-15:00hrs gewwa Triq l-Iljun, Hal Qormi u f' dawn il-gzejjer, minn gewwa vettura ikkommetta serq ta' diversi oggetti liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruq ghad-detriment ta' Linda Josephine Gambina u/jew persuni ohra.

Kif ukoll talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, xjentement laqgha ghandu jew xtrara, hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar

f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement kull mod li jkun indhaltu sabiex jbighhom jew imexxihom.

u aktar talli fl-istess, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn 50 euro (Hamsin Euro) izda mhux aktar minn 500euro (hames mitt euro) ghad-detrimemt ta' Linda Josephine Gambina u/jew persuni ohra.

Finalment huwa akkuzat talli b'hekk sar recidiv a terminu ta' l-Artikoli 49 u 50 et sequitur tal-Kodici Kriminali b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat illi fis-seduta tal-10 ta' Gunju 2020, l-Ufficjal Prosekutur qara u halef l-akkuza bil-gurament, u sar l-ezami tal-imputat li wiegeb li mhux hati;

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja a tenur tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9[1];

Semghet ix-xhieda u l-provi tal-Prosekuzzjoni;

Semghet lill-imputat waqt is-seduta tal-25 ta' Frar 2021, jirregistra ammissjoni u jiddikjara li huwa hati tal-akkuza migjuba kontrih;

Rat illi l-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu 9, meta wissiet lill-imputat bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tieghu u sospendiet fattwalment is-seduta biex tatu zmien jahseb sew dwar din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tieghu.

[1] Dok. RA3, fol. 11.

Semghet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-htija tieghu wara li ddikjara li ma ghandux bzonn iktar hin biex jirrikonsidra din l-ammissjoni jew biex jikkonsulta mad-difensur tieghu, kif ukoll wara li l-Qorti spjegatlu s-serjeta` u l-piena erogabbli ghall-akkuzi li jinsab mixli bihom;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat fil-25 ta' Frar 2021 ammetta ghall-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant, in vista ta' din l-ammissjoni li del resto saret volontarjament u fil-presenza tal-Avukat difensur tieghu u bl-osservanza tad-dispozizzjonijiet td-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tqis li l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat gew debitament ippruvati u b'hekk l-imputat ghandu jinsab hati tal-imputazzjonijiet kollha, hlief ghat-tieni imputazzjoni tar-ricettazzjoni u dan stante illi l-Qorti fehmet li din inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni ta' serq aggravat. Galadarba l-imputat fuq ammissjoni tieghu stess qieghed jinstab hati tar-reat ta' serq, il-Qorti qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni.

L-imputat ammetta wkoll il-htija tieghu ghat-tielet imputazzjoni, cioe` li volontarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor. Izda l-Qorti tosserva illi mill-provi li tressqu mill-Prosekuzzjoni, din il-hsara, li tikkonsisti fit-tkisser tal-hgiega tal-vettura li minnha l-imputat seraq l-oggetti appartenenti lil Linda Gambina, saret mill-imputat bl-iskop illi jikseb access ghall-istess vettura u jikkommetti r-reat ta' serq aggravat. Ghaldaqstant, billi jirrizulta li r-reat ta' hsara volontarja taht l-Artikolu 325 tal-Kap. 9 twettaq bhala mezz biex isir ir-reat

l-iehor ta' serq, ghall-fini tal-piena jsibu riskontru d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 u ghandha tinghata l-piena biss ghar-reat l-iktar gravi.

Ukoll ghall-fini tal-piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti fuq dikjarazzjoni ta' htija tal-imputat, il-Qorti hadet diversi fatturi ohrajn in konsiderazzjoni, inkluz il-fatt illi l-ammissjoni saret fi stadju ferm inoltrat tal-proceduri wara li kienu nstemghu il-provi kollha tal-Prosekuzzjoni, kif ukoll il-fedina penali[2] oneruza tal-imputat li gie diversi drabi ohrajn misjub hati ta' reati kriminali inkluz pussess ta' sustanzi illeciti izda evidentement ma tghallimx biex izomm 'il boghod mid-delinkwenza u l-kriminalita`. Ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-imputat ammetta wkoll li huwa recidiv, kif del resto addebitat fir-raba' imputazzjoni u kif jirrizulta f'kull kaz mill-atti processwali.

Ghaldaqstant, fil-gabra ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, tqis illi l-iktar piena idonea fic-cirkostanzi hija piena karcerarja. Fil-kaz in dizamina, applikat l-Artikolu 20 tal-Kap. 9 ghall-piena mahsuba fl-Artikolu 278(2) tal-Kap. 9, il-piena minima ghar-reat l-iktar gravi, cioe` r-reat addebitat fl-ewwel imputazzjoni, hija prigunerija ghal sittax-il xahar.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi, wara li tastjeni illi tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni u wara li rat l-Artikoli 17, 20, 49, 50, 261(b)(g), 263, 264, 271 u 278(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni qieghda ssib lil MICHAEL AZZOPARDI hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontrih u tikkundannah sittax (16)-il xahar prigunerija effettivi.**

**Ghall-finijiet tal-Artikolu 22 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tordna li kull żmien qabel illum li l-hati ikun inżamm fil-ħabs għar-reati li tagħhom**

---

[2] Dok. RA2, fol. 6 *et seq*.

**qieghed jinstab hati u kkundannat permezz ta' din is-sentenza, jitqies bħala parti miż-żmien ta' priġunerija taht u ghall-fini ta' din il-kundanna tal-lum.**

**Tordna wkoll ghall-fini tal-Artikolu 677 tal-Kodici Kriminali, illi l-oggetti kontenuti fl-envelop kannella li gie mmarkat bhala Dok. RA6, konsistenti f'diversi muniti u nuccali tax-xemx, jinghataw lura lil Linda Gambina u ghal dan il-fini tordna illi kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lir-Registratur tal-Qorti.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**